Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2728

5.12.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2728

tat-28 ta' Novembru 2023

li japprova emenda mhux minuri fid-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Pecorino Crotonese"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-regoli applikabbli qabel is-7 ta' Diċembru 2021 għandhom jibqgħu japplikaw għall-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-emendar tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott li l-Kummissjoni tirċievi skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 qabel it-8 ta' Ġunju 2022.

(2) Fl-24 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mill-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Pecorino Crotonese", irreġistrata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1262/2014 ([3]).

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja f'konformità mal-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) ta' dak ir-Regolament, kif applikabbli qabel is-7 ta' Diċembru 2021.

(4) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, kif applikabbli qabel is-7 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni biex issir emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.

(5) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fir-rigward tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Pecorino Crotonese", hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1262/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pecorino Crotonese (DPO)] (ĠU L 341, 27.11.2014, p. 1).
([4]) ĠU C 288, 17.8.2023, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni